Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI TAL-DSATAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2013

**Ħin:** Mill-5.00pm sas-6.30pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (5.15pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmintax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur D. Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur G.Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ħarġet sejħa ta' offerti għal Plakka Kommemorativa bl-ismijiet ta'dawk li mietu fit-tieni gwerra dinija u li tagħlaq fis-27 ta' Marzu 2013.

## 3. Korrispondenza

Is- Segretarju informa lill-Kunsill li ġew approvati l-Iskemi ta' Finanzjament dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013 fejn ingħatajna is-somma ta' € 2000 biex tittella' l-attivita 'Lejla Interkulturali Balzanija' u l-iskema ta' Finanzjament dwar Inizjattivi Sportivi fejn il-Kunsill ingħata s-somma ta' € 280. L-Iskema Inizjattivi Speċjali ma ġietx approvata.

Ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Gabriel dwar il-possibilita' li jibdew diskussjonijiet fuq il-ħtieġa ta'

Day Centre għall-Anzjani ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill inkariga lis-Sur G. Borg biex jibda dawn it-taħdidiet.

Email mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa dwar ic-ċint perikoluż taz-zuntier biex jiġi rranġat kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill inkariga lill-Viċi Sindku biex ikellem lill-Kappillan rigward l-istima tal-ħsarat u taħt liema awtorita' jaqa' dan iz-zuntier.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. <u>Rapport dwar l-Ilmenti</u>

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. <u>Mozzjoni Nru. 44 tal-Kunsillier is-Sur S. Gatt dwar "Policy on Tower Crane permits in Ħal Balzan"</u>

*"I would like to introduce a policy regarding permits for the use of a Tower Crane in our locality.*

*1. The Tower Crane must be within the building site.*
*2. Permits should be issued ONLY to mobile cranes, and they have to be driven away each day from the building site.*

*Looking forward that the Council agrees to this motion, for the benefit of ALL"*

Saret diskussjoni fil-Kunsill dwar din il-mozzjoni fejn unanimament il-Kunsill qabel u approva din il-*Policy* u talab lis-Segretarju biex din tiġi attwata minnufih.

## 6. <u>Offerta L.D.V. 1/13 " Leasing of light duty vehicle with low emissions"- Aġġudikazzjoni tat-Tender</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda r-rapport ta' evalwazzjoni tat-Tendering Committee fejn qed jissuġġerixxi li din l-offerta tingħata lil-Meli Car Rentals Limited.

Il-Kunsill approva unanimament li din l-offerta tingħata lil-Meli Car Rental Limited peress li l-vettura offruta hija l-aktar versatili u prattika għall-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Sadanittant is-Segretarju talab lill-Kunsill li minħabba l-urġenza ta' din il-vettura biex jitkomplu ix-xogħolijiet ta' barra u li dan ma jistax isir immedjatament minħabba l-proċeduri tat-*tendering* tiġi mikrija vettura temporanja sakemm isir il-*leasing*. Il-Kunsill approva li tinkera din il-vettura għal perjodu ta' ġimgħatejn.

## 7. <u>Jum Ħal Balzan</u>

Is- Sindku talab li issa li ngħatajna għotja mill-Gvern Ċentrali biex tittella' attivita' kulturali, parti mis-somma li ġiet baġitjata għall-2013 għal attivitajiet kulturali ġewwa Ħal Balzan tiġi allokata għal Jum Ħal Balzan. Il-Kunsill approva dan. Sadanittant il-Kunsillier is-Sur. D. Zammit Marmara' ta dettalji tal-programm ta' attivitajiet għal dan il-Jum.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għal ġieħ Ħal Balzan ser jagħlqu nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2013.

## 8. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jibgħat jifraħ f'isem il-Kunsill lill-Ministru l-Ġdid tal-Kunsilli Lokali tal-Ħatra tiegħu taħt l-amministrazzjoni l-ġdida tal-pajjiz.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li hekk kif ma kienitx giet approvata l-applikazzjoni tal-UIF qed jissuġġerixxi li jibda' proċess ieħor ta' applikazzjoni biex jiġu installati arbli tad-dawl tradizzjonali ġewwa il-*village core* ta' Ħal Balzan kif ukoll sistema ta' dawl effiċjenti u enerġija sostenibbli skont ir-rapport SEAP ( Sustainable Energy Action Plan). Il-Kunsill approva unanimament u talab lis-Segretarju biex jibda dan il-proċess.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sat-13 ta' Marzu 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,837.15

Il-Viċi Sindku talab li l-pagament dovut lil Europe Direct (Nru 15 Cheque 6924) jiġi miżmum minħabba pendenzi u nuqqasijiet mill-Project Administrator inkarigat mill-proġett ERDF 205. Il-Kunsill qabel li dan il-pagament ma jsirx sakemm jiindirizza n-nuqqasijiet.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju talab lill-Kunsill biex jinxtara tower ġdid tal-kompjuter għal waħda mill-iskrivani peress li ma għadux funzjonabbli. Huwa poġġa fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet fejn intgħażlet dik ta' SCAN Computers għas-somma ta' € 737.02.

## 10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet Tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara talab lill-Kunsill biex tiġi installata mera fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Papa Piju XII. Il-Kunsill approva li ssir din il-mera.

Is-Sur D. Zammit Marmara saqsa lis-Segretarju jekk mill-baġit ta' din is-sena hemmx allokati flus għal pubblikazzjonijiet. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal li jekk il-fondi s-sena d-dieħla jippermettu wieħed jista' jikkunsidra dan.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 3 ta' April 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data